# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 20 ta' Mejju 2021**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 406/2014 JVC**

**Carmelo u Anna konjugi Vella (K.I. 821152M) u (K.I. 790255M)**

**vs**

**Sammy Borg (K.I. 0179577M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Carmelo Vella et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' kuntratt datat it-30 ta' Marzu 1987 ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Du Puis (Dok CV1) r-rikorrenti Carmelo u Anna konjugi Vella,

akkwistaw l-art maghrufa bhala 'tal-Loggia', fil-kuntrada tal-Maghtab limiti tan-Naxxar ta' kejl ta' elf mitejn u hdax punt erbgha hamsa metri kwadri (1211.45m.k.) kif delineat fl-annessa pjanta mmarkata Dok CV2, bil-kulur ahmar, liema proprieta' hija accessibbli minn passagg li jisbokka fi Sqaq Jelli, llum Triq tat-Targa, Maghtab, liema passagg huwa mmarkat fuq l-istess pjanta bil-kulur ahdar;

2. Illi ghall habta tas-sena 2012 il-konvenut akkwista porzjon ta' art kontigwa ma dik tal-atturi, u ftit wara, esegwixxa xoghol ta' twittieh tal-istess passagg; kif ukoll ghalaq l-ingress tieghu b'xatba kbira tal-hadid li tinghalaq b'katnazz, b'dan, illi ghadda kopja tac-cavetta relattiva lill-attur sabiex dan jkun jista' jkompli jgawdi d-dritt ta' access li kellu minn zmien li kien akkwista l-art in kwisjtoni.

3. Illi fl-14 ta' April 2014 l-attur mar sabiex jghaddi mill-passagg de quo skopra illi l-intimat kien biddel il-katnazz ad insaputa tar-rikorrenti u minghajr l-ebda pre-avviz; b'dan illi presentement l-atturi jinsabu mcahhda mid-dritt illi jaccedu ghall-proprieta' taghhom mill-passagg imsemmi, illi huma juzaw biex jaghlfu l-baqar u johorgu d-demel.

4. B'dan il-mod, l-intimat kkommetta spoll ricenti ghad-dannu tar-rikorrenti billi l-bdil tal-katnazz in kwistjoni sar entro dawn l-ahhar xahrejn u precisament wara l-25 ta' Marzu 2014, u dana stante illi fid-data indikata, l-attur ghadda mill-passagg u fehat il-katnazz l-antik huwa stess, permezz tac-cavetta illi kien ghaddielu Sammy Borg.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll fil-konfront tal-atturi;

2. Tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jispurga l-ispoll kommess minnu ghad-danni tal-atturi;

3. Jintegra lill-atturi fil-pussess tad-drittijiet pjeni taghhom billi jerga' jibdel il-katnazz tax-xatba in kwistjoni b'dan illi jghaddi kopja tac-cavetta relativa lill-atturi bil-ghan illi jkollhom access liberu u hieles kif kellhom qabel ma gie kommess l-ispoll;

4. Fin-nuqqas ta' adempjiment min-naha tal-konvenut tawtorizza lill-istess rikorrenti jaghmlu dawk ix-xogholijiet necessarji ghas-spejjez ta' l-intimat, occorrendo taht direzzjoni ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna l-intimat jhallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

B'riserva ghall-kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi, illi jistghu jsofru jew jigu esposti ghalihom bhala konsegwenza tal-agir abbusiv tal-attur.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Sammy Borg li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi ghandu jigi ssindikat jekk effettivament dawn il-proceduri gewx inizjati entro x-xaharejn zmien kif tistipula l-azzjoni tal-ispoll;

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju, l-atturi jgawdu biss minn dritt ta' passagg bir-rigel, liema dritt anke jekk hemm ix-xatba bil-katnazz imsemmi, ma' huwiex qed jigi pregudikat lill-atturi li jippretendu li ghandhom jedd li jacceddu ghar-raba fil-pussess taghhom bil-vetturi;

3. Salv risposti u eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.'

Rat ix-xiehda, kuntratti, pjanta, rapport, ritratti, avviz biex tieqaf u ta' twettiq, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Jannar, 2015 il-Qorti billi rrizultalha l-htiega ta' perizja teknika fil-kawza nnominat lil Perit Tekniku Mario Cassar bi qbil bejn il-partijiet a spejjez provvizjorjament tal-attur sabiex jirrelata dwar din il-kawza;

Rat ir-rikors intavolat nhar l-10 ta' Gunju, 2015 fejn permezz tieghu l-attur Carmelo Vella et talab li jinghata access temporanju bejn l-1 ta' Lulju, 2015 sal-15 ta' Settembru, 2015 billi jinghata kopja tac-cavetta tal-katnazz in kwistjoni sabiex ikollu access liberu ghal dak iz-zmien, rat ir-risposta tal-intimat tal-1 ta' Settembru, 2015 fejn oggezzjoni ghat-talba tal-attur u rat id-digriet tas-7 ta' Settembru, 2015 fejn permezz tieghu l-Qorti kif diversament preseduta cahdet it-talba;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Frar, 2018 il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista;

Rat ir-rikors tat-8 ta' Frar, 2018 fejn l-attur talab li l-kawza terga' tigi riappuntata fuq il-lista tas-smigh u rat id-digriet tal-Qorti datat 13 ta' Frar, 2018 fejn permezz tieghu laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-15 ta' Marzu, 2018;

Rat illi r-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar gie esebit fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2018 filwaqt li gie mahluf fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2019 u jinsab fl-atti a fol. 60 *et seq* tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2018 quddiem il-Perit Tekniku a fol. 147 tal-process l-Avukati rispettivi tal-partijiet qablu li l-provi prodotti fil-kaz Il-Pulizija -vs- Sammy Borg japplikaw ukoll ghal kaz odjern bir-rikors guramentat numru 406/14;

Rat il-kuntratt ta' cessjoni u bejgh tat-18 ta' Ottubru, 2019 quddiem in-Nutar Melvin Polidano a fol. 162 *et seq* tal-process fejn l-art mertu tal-kawza giet mibjugha lil certu Joseph u Joanne konjugi Tonna u fejn fir-raba' klawsola saret referenza li hemm litigi fuq il-passagg in kwantu ghas-servitu msemmija;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Jannar, 2021 l-Avukati Dr Carlo Bisazza ghall-atturi u Dr Martha Mifsud ghall-konvenut iddikjaraw illi llum il-mertu tal-ispoll huwa ezawrit ghaliex ix-xatba in kwistjoni nfethet u jiddikjaraw ukoll illi bejn il-partijiet m'hemmx qbil ghall-ispejjez;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Jannar, 2021 Dr Carlo Bisazza rrimetta ruhu ghall-provi fl-atti filwaqt li Dr Martha Mifsud inghatat terminu ta' xahrejn sabiex taghmel nota limitatament ghall-ispejjez;

Rat illi Dr Martha Mifsud ma pprezentat l-ebda nota;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Jannar, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni unikament dwar il-kap tal-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio spolii* li hija regolata bl-Artikoli 535 u 536 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.
>
> 536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'

Permezz tal-kawza odjerna l-atturi konjugi Vella jsostnu li huma l-proprjetarji ta' porzjon art maghrufa bhala 'Tal-Loggia', fil-kuntrada tal-Maghtab limiti tan-Naxxar tal-kejl superficjali ta'

1211.45m.k. liema proprjeta′ hija accessibbli minn passagg li jisbokka fi Sqaq Jelli, llum Triq tat-Targa, Maghtab. L-atturi jghidu li l-ingress tal-passagg kien gie maghluq b′xatba tal-hadid lura fis-sena 2012 ghalkemm kienu nghataw kopja tac-cavetta tal-katnazz b′dan li baqghu jaghmlu uzu tal-passagg b′mod normali billi jghaddu minnu sabiex jghalfu l-baqar u johorgu d-demel. Madanakollu jsostnu li fl-14 ta′ April, 2014 l-attur sab il-katnazz mibdul b′dan li gie mcahhad milli jaccedi ghall-proprjeta′ tieghu mill-imsemmi passagg. L-atturi jsostnu li l-ahhar li l-attur Carmelo Vella acceda mill-passagg kien fil-25 ta′ Marzu, 2014. Talbu ghalhekk fost affarijiet ohra li jigi dikjarat li dan l-agir jikkostitwixxi spoll u l-konvenut jigi kkundannat jispurga l-ispoll minnu kommess sabiex l-atturi jerghu jigu rintegrati fid-drittijiet pjeni taghhom. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet kollha necessarji a spejjez tal-konvenut.

Illi min-naha tal-konvenut Sammy Borg fir-risposta guramentata tieghu ntavolata nhar it-22 ta′ Awwissu, 2014 laqa′ ghal dan billi eccepixxa li jrid jigi ssindakat jekk il-proceduri gewx inizjati entro x-xahrejn zmien kif tistipula kawza ta′ spoll. Fil-mertu eccepixxa li l-atturi jgawdu biss dritt ta′ passagg bir-rigel u dan id-dritt taghhom baqa′ mpregudikat avolja hemm ix-xatba u mhuwiex qed jigi pregudikat lill-atturi li jippretendu li ghandhom jedd li jaccedu ghar-raba fil-pussess taghhom.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi d-decizjoni odjerna titratta unikament il-kap tal-ispejjez u dan stante li hekk kif ivverbalizzat mid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta′ Jannar, 2021 a fol. 184 tal-process, il-mertu tal-ispoll huwa ezawrit stante li x-xatba in kwistjoni nfethet.

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

1. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

2. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u,

3. **Infra bimestre deduxisse** – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Malgrad li d-decizjoni odjerna titratta unikament il-kap tal-ispejjez, il-Qorti xorta ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi kostitutivi tal-kawza ta' spoll stante li jkun a bazi ta' tali rizultanzi li l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddeciedi fuq il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza.

**<u>Possedisse:</u>**

Illi dwar dan l-element tal-pussess l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili jghid illi l-azzjoni tipprotegi kull persuna illi hija '*...mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli...*'.

Illi l-attur Carmelo Vella li xehed quddiem il-Perit Tekniku Mario Cassar fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2015 a fol. 118 tal-process dwar il-pussess tieghu fuq il-passagg mertu tal-kawza odjerna jghid illi:

> 'Jiena, mill-1987 dejjem dhalt ghal-propjeta' minn sqaq Jelli passagg AB, immarkat bil-kulur roza. Tul dan iz-zmien kollu minn fuq il-passagg AB kont nghaddi bit-truck.

> ...
>
> Nerga nghid illi jien minn dejjem kont nidhol mill-passagg, u dejjem kont nohrog minnu.’

Illi min-naha tal-konvenut Sammy Borg fix-xiehda moghtija fis-seduta tas-7 ta’ April, 2016 a fol. 130 *et seq* tal-process primarjament kien sostna li qabel ma saret ix-xatba l-atturi ma kienux jghaddu mill-passagg pero’ minn triq ohra fuq wara. Madanakollu aktar tard fl-istess xiehda, jbiddel il-verzjoni u kkonferma li l-attur kien ilu jghaddi mill-passagg:

> ‘Fil-fehma tieghi il-parti civile qieghed jghaddi minn fuq l-ghelieqi 1) u 2) li hija tieghi bid-demel biss, izda bl-ghalf u l-halib jghaddi minn naha l-ohra. L-ghalqa ilha ghandi xi hames snin. Jien ghamilt ix-xatba mill-ewwel li akkwistajt l-art. **Jien kont nara lill-partijiet civile jghaddu bid-demel u meta waqqafnih kien qalilna illi kellu dritt jghaddi minn hemm.**
> Ara kemm hu veru illi biex ma jhammitx ir-razzett tieghu bid-demel, ghax dawn l-ahhar sentejn hargu d-demel mix-xatba tieghu, id-demel kien johorgu bit-trakkijiet.’ (enfazi tal-Qorti)

In kontro-ezami fis-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2018 a fol. 144 tal-process il-konvenut ikkonferma mill-gdid li l-atturi kellhom l-pussess tal-passagg fejn xehed illi:

> ‘Jiena nikkonferma illi minkejja illi l-parti civile kien jghaddi bit-truck, skont il-kuntratt tieghi, ghandu dritt biss jghaddi bir-rigel.’

Ix-xhud Stephan Cilia – is-sid precedenti tal-art li llum hija tal-konvenut Sammy Borg xehed fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru, 2016 a fol. 137 tal-process u kkonferma li l-atturi kellhom il-pussess tal-passagg:

> ‘Nghid illi l-ghalqa ta’ wara ghandu dritt jghaddi bir-rigel. Nghid illi jien kont nahdem l-ghalqa. Nghid illi niftakar illi darba fis-sajf ghaddew bit-truck. Jien ma kont ghamilt xejn. Rajt is-sinjali tat-truck, ma rajtx lilhom ghaddejjin bit-truck.’

Ikkunsidrat illi *‘Il-pussess fl-ispoljat ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil; dan jista’ jkun qasir hafna u sahansitra momentanju’*,[1] l-Qorti in vista tad-deposizzjonijiet fuq ikkwotati, tqis li l-atturi kellhom il-pussess rikjest mill-ligi. Ghalhekk l-element tal-pussess gie sufficjentament ippruvat.

**<u>Spoliatum Fuisse:</u>**

Illi stabbilit li l-atturi kellhom il-pussess tal-passagg mertu tal-kawza odjerna, jmiss issa li jigi determinat l-element tal-*spoliatum fuisse*. Fir-rigward l-element ta’ l-*spoliatum fuisse* gie ritenut mill-awtur **Pacifici Mazzoni** fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diretto Civili** (Volume III (Firenze 1873)) illi bi vjolenza tikkostitwixxi:

> *‘…qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato.’*

Illi fil-kaz odjern, l-att spoljattiv huwa t-tibdil tal-katnazz tax-xatba. Mill-atti jirrizulta li x-xatba saret mill-konvenut Sammy Borg fis-sena 2012. Il-konvenut ikkonferma li x-xatba saret minnu

---

[1] Gio Maria Carabott et vs Spiridione Bonnici et.

fis-seduta tas-7 ta' April, 2016 meta fuq domanda tal-Qorti kkonferma illi:

> 'Fuq domanda tal-Qorti nghid illi x-xatba ghamilniha jiena u l-iehor, jigifieri sid l-ghalqa numru 1).'

L-attur Carmelo Vella jghid li dakinhar f'2012 meta saret ix-xatba kien mar certu Gianni maghruf bhala 'Tal-Maskar' li tah cavetta f'idejh tal-katnazz li kienet intbghatet lilu mill-konvenut Sammy Borg. Madanakollu l-attur jilmenta li l-fuq minn sentejn wara, bejn il-25 ta' Marzu, 2014 u l-14 ta' April, 2014 il-katnazz li kien hemm max-xatba nbidel b'katnazz gdid u cavetta tieghu ma nghatatx.

Illi l-konvenut Sammy Borg ma jichadx li c-cavetta giet mibdula minnu. Di fatti b'risposta ghar-rikors tal-10 ta' Gunju, 2015 (fol. 27) intavolat mill-atturi fejn talbu li jinghataw kopja tac-cavetta tal-katnazz sabiex jaghmlu uzu minnha bejn il-perijodu tal-1 ta' Lulju, 2015 sal-15 ta' Settembru, 2015 il-konvenut irrisponda billi kkontesta t-talba pero' ma cahadx li l-bdil tal-katnazz sar minnu. Din il-Qorti ser tipproduci *ad verbatim* dak li ntqal fir-risposta (fol. 36):

> '… Illi inoltre u finalment il-kawza hija kkontestata u l-attur ma' ghandux jipprentendi li l-esponenti jista jigi ordnat jikkonsenja c-cwievet tal-proprjeta' tieghu hekk lil terzi sempliciment biex l-istess ma' jaghmilx dak li ghamel tul is-snin li ghaddew.'

Illi l-Qorti tinnota li l-persuni nteressati li jaqtghu lill-atturi mill-uzu tal-passagg kienu l-konvenut Sammy Borg u Joseph Cuschieri – sid l-art li tigi mat-triq u li minnha l-atturi kien ukoll jaccedu. Madanakollu jigi nnutat li fix-xiehda tieghu fis-seduta tas-16 ta'

Gunju, 2016 a fol. 132 *et seq* tal-process, ix-xhud Joseph Cuschieri stqarr li huwa ma kellux kopja tac-cavetta tal-katnazz:

> 'Meta x-xatba kienet maghluqa, kien hemm katnazz. Ghal dan il-katnazz kellu c-cwievet biss Sammy Borg. Jien stajt nidhol mill-faccata.'

Illi dwar l-element tal-ispoll vjolenti u klandestin gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Scerri -vs- Spiridione Falzon** deciza nhar l-24 ta' Jannar, 1958 illi:

> '...kwalsijasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta tal-possessur, b'mod li jista jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ...'.

Ghalhekk il-Qorti tqis sufficjentement pruvat l-att spoljattiv li sar mill-konvenut Sammy Borg meta qabad u bidel il-katnazz il-qadim ma' wiehed gdid bil-konsegwenza li llimita l-pussess tal-atturi mill-passagg.

**<u>Infra bimestre deduxisse:</u>**

Illi dan it-tielet element jikkonsisti filli l-kawza trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv. Dwar dan l-element nghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Georgina Borg -vs- Errol Cassar et** deciza nhar il-21 ta' Ottubru, 2002 illi:

> 'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi

għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. rova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.

Illi l-konvenut Sammy Borg permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu jeccepixxi li dan l-element huwa mankanti stante li l-proceduri ma gewx inizjati entro x-xahrejn zmien kif tistipula l-azzjoni ta' spoll. Il-Qorti fir-rigward din l-eccezzjoni taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Norman Vassallo -vs- Filomenta Esposito** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Gunju, 1993 fejn inghad li meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.

Illi ghalkemm il-konvenut Sammy Borg iressaq din l-eccezzjoni, fl-atti ma jipprezenta l-ebda prova kuntrarja li tevidenzja li l-azzjoni odjerna ma saritx fi zmien xahrejn. Lanqas ma jirrizulta li b'xi mod il-konvenut fix-xiehda tieghu kkontesta li l-att spoljattiv sar bejn l-25 ta' Marzu, 2014 u l-14 ta' April, 2014.

Mill-banda l-ohra jirrizulta ppruvat li l-att spoljattiv sar bejn l-25 ta' Marzu, 2014 u l-14 ta' April, 2014. Dan gie kkonfermat bil-gurament mill-attur Carmelo Vella waqt ix-xiehda tieghu tat-23 ta' Frar, 2015 a fol. 118 tal-process fejn xehed illi fil-25 ta' Marzu, 2014 mar biex jghaddi u fetah ix-xatba filwaqt li fl-14 ta' April, 2014 reggha mar jipprova jghaddi u sab katnazz gdid. Il-kawza giet intavolata nhar it-12 ta' Mejju, 2014 u cioe' entro t-terminu ta'

xahrejn stipulat mill-Ligi. Ghaldaqstant dan l-element jirrizulta wkoll sufficjentement pruvat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddikjara l-mertu tal-kawza ezawrit, tiddeciedi l-kap tal-ispejjez billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tiddikjara li l-agir tal-konvenut kien jikkostitwixxi spoll fil-konfront tal-atturi u stante li la darba rrizultaw ippruvati l-elementi kollha tal-ispoll li kien iwassal biex it-talbiet jigu milqugha fil-mertu, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut Sammy Borg.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta' Mejju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Mejju, 2021**